Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0161

Il-każ ta’ Ryan Cornelius f’Dubai

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2025 dwar il-każ ta’ Ryan Cornelius f’Dubai (2025/2796(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 19/2022 tal-Grupp ta’ Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Detenzjoni Arbitrarja (UNWGAD),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi Ryan Cornelius, ċittadin Brittaniku ta’ 71 sena miżżewweġ lil ċittadina tal-UE, ilu miżmum b’mod arbitrarju fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE) mill-2008, wara kundanna fuq akkużi foloz ta’ frodi relatati ma’ self minn Dubai Islamic Bank (DIB) għal proġett ta’ żvilupp ta’ proprjetà;

B. billi inizjalment ġie kkundannat għal 10 snin ħabs u, eżatt qabel il-ħelsien skedat tiegħu fl-2018, is-sentenza tiegħu ġiet estiża b’20 sena addizzjonali skont il-Liġi ta’ Dubai 37 tal-2009, applikata b’mod retroattiv u bi ksur tal-istandards legali internazzjonali;

C. billi skont l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, il-Gvern tal-Emirati Għarab Magħquda għandu rekord inkwetanti ta’ detenzjoni arbitrarja, proċessi inġusti u allegazzjonijiet ta’ tortura;

D. billi skont awdituri indipendenti, l-iżvilupp tal-proprjetà immobbli li Dubai Islamic Bank issekwestra mingħand Ryan Cornelius jiswa evidentement ħafna drabi l-ammont tad-dejn pendenti tiegħu lill-bank;

E. billi l-UNWGAD iddikjara li l-priġunerija kontinwa tiegħu kien ksur tad-dritt internazzjonali, billi allega nuqqas ta’ proċess ġust, konfessjonijiet furzati, reklużjoni, ċħid ta’ konsulenza legali u ffirmar furzat ta’ dokumenti bl-Għarbi;

F. billi Ryan Cornelius għadu miżmum b’kundizzjonijiet fil-ħabs inumani, bis-saħħa tiegħu li qed tiddeterjora u mingħajr aċċess

xieraq għall-kura tas-saħħa;

G. billi l-Liġi ta’ Dubai 37 tal-2009 tiddikjara fl-Artikolu 7(1) li l-persuna kkundannata (id-debitur) ma għandhiex tiġi kkundannata għall-ħabs jekk dik il-persuna jkollha aktar minn 70 sena; billi Ryan Cornelius għalaq 70 sena fl-2024 u bħala tali għandu jingħata eżenzjoni skont din il-liġi;

1. Jikkundanna d-detenzjoni arbitrarja u mtawla ta’ Ryan Cornelius u jitlob li huwa u l-persuni l-oħra kollha detenuti arbitrarjament jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet;

2. Jitlob li jingħata dritt infurzabbli għal kumpens u riparazzjonijiet oħra, f’konformità mad-dritt internazzjonali;

3. **Iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta’ Dubai jagħtuh aċċess għal trattament u kura medika adegwati** skont l-istandards internazzjonali dwar it-trattament tal-priġunieri, u jiżguraw investigazzjoni indipendenti dwar id-detenzjoni arbitrarja tiegħu;

4. Jiddenunzja l-applikazzjoni retroattiva tal-Liġi 37 tal-2009 u jħeġġeġ lill-Emirati Għarab Magħquda jiżguraw proċessi ġusti u jabolixxu l-prattika ta’ priġunerija relatata mad-dejn; jinnota li Ryan Cornelius għadu l-ħabs minkejja li l-awtoritajiet issekwestraw assi vvalutati għal aktar mid-doppju tad-dejn oriġinali tiegħu;

5. Jesprimi solidarjetà mal-familja tiegħu;

6. Jistieden lir-Renju Unit jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jiżgura l-ħelsien ta’ Ryan Cornelius; iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Istati Membri u lid-Delegazzjoni tal-UE għall-Emirati Għarab Magħquda biex iqajmu l-każ tiegħu fl-impenji bilaterali kollha mal-Emirati Għarab Magħquda u jimmonitorjaw mill-qrib il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tiegħu;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Istati Membri, u lill-gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Emirati Għarab Magħquda.